V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħiet għall-proposti skont il-programm ta' ħidma għall-għotjiet fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020

**(Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 1225)**

(2016/C 171/07)

Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija tal-Kummissjoni Ewropea b'dan qed iniedi erba' sejħiet għall-proposti sabiex jingħataw għotjiet għal proġetti skont il-prijoritajiet u l-għanijiet definiti fil-programm ta' ħidma tal-2016 fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej fi ħdan il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2014-2020.

Qed jintlaqgħu l-proposti għal dawn l-erba' sejħiet:

CEF-TC-2016-2: Konsenja elettronika

CEF-TC-2016-2: Identifikazzjoni elettronika u firma elettronika

CEF-TC-2016-2: Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika

CEF-TC-2016-2: Dejta pubblika miftuħa

Il-baġit indikattiv totali disponibbli għall-proposti magħżula fl-ambitu ta' dawn is-sejħiet huwa ta' EUR 10,5 miljun.

L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-proposti hija l-**15 ta' Settembru 2016**.

Id-dokumentazzjoni rispettiva tas-sejħiet tinsab fuq is-sit web tat-Telekomunikazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa: https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-telecom/apply-funding/2016-cef-telecom-calls-proposals